**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 578/23/GG**

**fl-ismijiet:**

**Tiziana Mifsud (KI 559693 M)**

**vs.**

**Cynthia Sghendo (KI 518076 M) u**
**Jesmond Sghendo**

Illum 30 ta' Mejju, 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Tiziana Mifsud ippreżentat quddiem din il-Qorti fl-10 t'April, 2023 li bih talbet il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni sabiex izomm lill-intimati milli "jaqbdu u jigu jaccedu, minghajr pre-avviz lill-esponenti, u aktar minn hekk milli jigu jirrisjedu maghha fil-fond ossia l-appartament bin-numru hamsa (5), numru sittax (16), Blokka A3, fi Triq Mater Boni Consilli, il-Fgura";

Rat d-digriet taghha tal-istess jum li bih laqghet it-talba provvizorjament, ordnat in-notifika b'ghaxart (10) ijiem zmien ghar-

risposta u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghall-4 ta' Mejju, 2023 fis-13:00 pm;

Rat ir-risposta tal-intimati minnhom ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-3 ta' Mejju, 2023;

Rat illi l-intimati taw ruhom b'notifikat bir-rikors promutur, bl-appuntament tas-smiegh u bl-atti fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2023;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2023;

Ikkunsidrat:

**Il-fatti:**

1. Illi l-fatti u allura r-raguni ghaliex r-rikorrenti talbu l-hrug ta' dan il-mandat kif emergenti mir-rikors promutur huma s-segwenti:

> "Illi l-appartament fuq indikat, kien mikri mill-Awtorita' tad-Djar lill-Mary Sghendo, armla ta' Paul Sghendo, u li tiġi wkoll omm l-inimati, u n-nanna materna ta' l-esponenti.
>
> Illi l-esponenti ilha sa minn meta kellha tlett (3) snin tirresjedi man-nanniet tagħha Paul u Mary Sghendo flimkien ma' oħtha Christine Camilleri, (dak iż-żmien Mifsud), illi sussegwentement

ma' baqgħetx toqgħod hemm, u għalekk l-esponenti baqgħet toqgħod fl-istess appartament man-nanniet tagħha.

Illi meta ħames (5) snin ilu, miet Paul Sghendo in-nannu ta' l-esponenti, Mary Sghendo dawret l-inkwilinat tal-imsemmi fond fuq isimha.

Illi sadanittant l-esponenti kellha tlett (3) itfal, barra miż-żwieġ, u cioe Mariah Scerri, li għandha ħames (5) snin, Yana Scerri, li għandha erba' (4) snin, u Enya Scerri li għandha sentejn.

Illi l-esponenti kompliet tirresjiedi ma' l-istess Mary Sghendo għal ftit żmien, sakemm l-istess Mary Sghendo marret tgħix ġewwa San Vincenz de Paule, u għalhekk għal dawn l-aħħar tlett (3) snin u disa' (9) xhur, l-esponenti kompliet tirresjiedi flimkien mat-tlett (3) ulieda ġewwa l-istess fond.

Illi nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ingħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-konfront tal-esponenti, fejn sabet lill-esponenti ħatja tar-reat ta' ragion fattasi, peress li l-esponenti kienet biddlet is-serratura tal-bieb ta' l-imsemmi fond, u dan fil-konfront ta' l-istess nannitha Mary Sghendo fuq prokura tal-istess favur bintha Cynthia Sghendo, u fil-konfront ta' Jesmond Sghendo, li jiġu wlied Mary Sghendo u zijiet ta' l-esponenti, u ġiet ikkundannata sabiex fi żmien ġimgħa tagħti lura iċ-ċwievet lill-parte ċivile, (kif fil-fatt għamlet) u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-

Liġijiet ta' Malta lliberatha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena (1) minn dakinhar tas-sentenza. (Dok TM 1).

Illi nhar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) mietet l-imsemmija Mary Sghendo (Dok TM 2).

Illi l-esponenti, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) applikat mal-Awtorita' tad-Djar sabiex tiġi rikonoxxuta minflok nannitha bħala inkwilina tal-istess fond (Dok MT 3 u Dok MT 4), u dan peress li kienet tgħix għal dawn is-snin kollha ma' l-imsemmija Mary Sghendo, u għada propju sa llum tirresjiedi fl-imsemmi fond.

Illi riċentement, u ftit wara l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u wara li l-esponenti għaddiet iċ-ċwievet lill-istess intimati, l-intimati, u b'mod partikolari Jesmond Sghendo, iddikjara permezz ta' oħtu l-imsemmija Cynthia Sghendo, illi kien beħsiebhu jiġi jirresjiedi ma' l-esponenti u wlieda, fl-imsemmi fond.

Illi inoltre, l-intimata Cynthia Sghendo, riċentement, u cioe minn meta l-esponenti għaddietilha ċ-ċavetta tal-fond, qabdet u aċċediet fl-imsemmi fond, mingħajr pre-avviż, waqt li l-esponenti kienet qiegħda taħsel lit-tfal.

Illi inoltre, peress li l-esponenti tgħix fl-istess fond, għandha fih affarijiet personali tagħha u ta' wlieha suindikati.

Illi għalhekk, jekk l-intimati jew min minnhom jitħallaw jaċċedu fl-imsemmi fond mingħajr pre avviż, jew inoltre jaqbdu u jiġu jirresjiedu fl-imsemmi fond ma' l-esponenti u wlieda, hija ser tiġi ppreġudikata rrimedjabbilment.

2. Illi, l-fatt skond l-intimati u kif emergenti mir-risposta taghhom, huma s-segwenti:

1. Ir-rikorrenti qed titlob l-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izomm lil-intimati milli jaċċedu u jirrisjedu fil-fond, numru sittax (16), Blokka A3, appartament nru. 5, fi triq Mater Boni Consigli l-Fgura;

2. Primarjamnet u *prima facie* t-talba tar-rikorrenti hija nfundata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ma għandha l-ebda dritt tokkupa l-fond in kwistjoni. Tant hu hekk illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li tagħmel referenza għaliha ir-rikorrenti stess, Appell Numru 133/2021/1 Pulizija vs Tiziana Mifsud tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi tikkonferma l-ordni mogħtija lill-appellanti mill-Ewwel Qorti sabiex fi żmien ġimgħa hija tgħaddi lura ċ-ċwievet lil *parte civile*.

3. F'Diċembru tal-2018, ir-rikorrenti, li tiġi n-neputija tal-intimati, kienet talbet lill-istess intimati biex sakemm tirranġa l-kċina tal-post tas-sieħeb tagħha fix-Xgħajra Ħaż-Żabbar hi tmur tirrisjedi fil-fond tal-Fgura mat-tfal tagħha għal bejn erbgħa u sitt xhur.

4. L-intimat Jesmond Sghendo kien ilu jirrisjedi fil-fond għal diversi snin u b' sens ta' altruwiżmu u biex kulħadd ikollu l-privatezza tiegħu iddeċieda li temporanjament jmur jgħix ma' bintu Tasha Sghendo. F' għeluq is-sitt (6) xhur, meta reġa ġie biex jidħol fil-post, hu sab is-serratura mibdula.

5. L-intimat Jesmond Sghendo ħalla l-effetti personali tiegħu fil-fond imsemmi u dan dejjem għaliex kif taf ben tajjeb ir-rikorrenti qatt ma kien hemm il-ħsieb li huwa jivvaka il-fond b'mod definittiv. Wara diversi jiem li r-rikorrenti bdiet tokkupa l-fond, l-intimat ġie infurmat li r-rikorrenti kienet imliet xi boroż taż-żibel bil-ħwejjeġ tiegħu u dawn ġew mormija.

6. L-effetti mobbli u personali tal-ġenituri tal-intimati u ta' Jesmond Sghendo jinsabu fil-fond imsemmi u dawn ilhom hemm sa minn qabel ir-rikorrenti bdiet tokkupa l- istess fond.

**Il-Ligi**

3. Illi kif jemergi minn qari ta' dawn l-atti jirrizultaw zewg verzjonijiet differenti fejn fuq naha r-rikorrenti tikkontendi li kienet ghal zmien twil tghix fir-residenza in kwisjtoni mikrija lin-nanna taghha u wara l-mewt ta' din l-ahhar, uliedha, jigifieri l-intimati odjerni, qabdu u dahlu fuqha meta allura ddecidiet tbiddel is-serratura tal-bieb. Minn naha l-ohra, l-intimati ossia Paul Sghendo jghid li huwa ilu jghix fl-istess fond sa minn zmien twil izda fuq tal-talba tar-rikorrenti, silifha l-post ghal ftit zmien sakemm is-sieheb

taghha jirranga l-kcina fejn jirrisjedi u bhala kortezija mar joqghod ma' bintu fil-frattemp;

4. Illi dak li r-rikorrenti qedha titlob bil-procedura intentata huwa regolat bl-artikolu 873(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi "*L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat*". Il-kaz in disamina huwa klassifikat bhala mandat ta' indibizzjoni generali kif ravvizat fl-artikolu appena indikat u ghalhekk kif inhu akkolt fil-gurisprudenza kopjuza in materja, Qorti ma ghandiex takkorda l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hlief jekk ir-rikorrent li jitlob il-hrug ta' dan il-mandat juri li dan hu mehtieg ghal-preservazzjoni tal-jeddijiet tieghu b'mod illi c-cahda tieghu tkun tissarraf fi pregudizzju. Apparti dan, jehtieg li jkun jidher fuq bazi *prima facie* li r-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg rekwiziti jehtieg li jkunu prezenti flimkien tant illi n-nuqqas ta' presenza ta' wahda minnhom tkun fatali ghall-min qed jaghmel it-talba;

**Il-Jedd Pretiz**:

5. Illi ghalhekk jehtieg li jirrizulta illi min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu jedd x'jipprezerva u li dak il-jekk irid ikun wiehed deducibblil f'gudizzju. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dottor Giuseppe Sammut noe vs Frank Scicluna et** (App Civ 2.06.1969) bosta drabi citata f'decizzjonijiet ta' din il-Qorti, kien ritenut illi:

*Għad-differenza ta' mandati kawtelatorji oħrajn, rigward il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni l-liġi teżiġi żewġ kondizzjonijiet, cioe' li l-Qorti li lilha jsir ir-rikors tkun sodisfatta illi l-mandat hu necessarju għall-konservazzjoni tad-dritt li in kawtela tiegħu l-mandat jintalab u li prima facie dak id-dritt jidher li jispetta lil min jitolbu. Peress illi l-liġi teżiġi li min joħroġ il-mandat hu obbligat li fiż-żmien qasir preskritt jiddeduċi b'kawża l-jedd imsemmi fil-mandat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx jista' jingħad, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess ħin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaċi li tiġi dedotta in ġudizzju quddiem il-Qorti.*

6. Illi dan hu hekk għaliex dak il-jedd li jallega min jitlob il-mandat huwa wieħed li għad irid ikun dibattut u deċiż mhux quddiem din il-Qorti iżda fil-forum appożitu 'l hinn mill-proċedura odjerna. Huwa ugwalment akkolt fil-ġurisprudenza illi fl-eżami u r-riċerka fil-fatti miġjuba quddiemha għad-deċiżjoni dwar iż-żewġ rekwiżiti, l-Qorti għandha timxi b'mod sommarju tant li mhux mistenni minnha li tieħu konjizzjoni u tiddeċiedi bl-istess mod mistenni mil-Qorti fil-każ tal-kontenzjuż. In konklużjoni dwar l-ewwel element, jista' jingħad li t-test li għandu jsir hu jekk il-jedd li qed tinvoka r-rikorrenti huwiex wieħed deduċibbli quddiem il-forum kompetenti u li tali eżami jsir fuq bażi *prima facie*, jiġifieri jekk mad-daqqa t'għajn r-rikorrenti tgawdix minn dak il-jedd minnha pretiż. Jekk dan jirriżulta, allura l-Qorti tissokta bl-eżami tat-tieni element;

7. Illi finalment, u bil-għan ta' rikapitular fuq dan il-punt, tajjeb li ssir referenza għal dak osservat fid-digriet fl-atti tal-Mandat Nru

1742/2016/1 PA fit-12 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet **Helen Mercieca et vs Inginier Joseph Bajada**:

*Illi kulma huwa mehtieg, u fl-istess hin huwa bizzejjed, ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa logiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinhareg qabel ma jigi accertat min ghandu ragun, il-mandat jinhareg favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess ligi) mal-ewwel daqqa t'ghajn li ghandu ragun. Igifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem iehor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naha l-wahda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew sahansitra fejn hemm mera possibilta' u min naha l-ohra jeskludi l-htiega li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi mac-cirkostanza li procedura ta' din ix-xorta hija intiza sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd. Dan billi fil-process dwar il-mertu, l-iskop hu li jigi accertat x'inhu d-dritt fil-kaz konkret, filwaqt li l-iskop tal-process ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament gudizzjarju dwar jekk hix tabilhaqq fondata fid-dritt jew le.*

8. Illi kwantu dan l-ewwel element, ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina u tiddeciedi it-talba tar-rikorrenti fil-qafas legali appena mghoddi in rassenja. Kwantu jekk id-dritt pretiz mir-rikorrent huwiex wiehed li jista' jkun deducibbli quddiem il-Qorti kompetenti, illi mhux daqshekk car fejn jikkoncerna l-ewwel aspett

tieghu ossia l-ewwel talba anke meta dan ikun ezaminat mill-ottika ta' pregudizzju irrimedjabbli. It-tieni wahda, izda, certament li ma tirrikjedi ebda konsiderazzjoni partikolari sabiex tkun deciza favorevolment. Dan ghaliex, bil-mandat mitlub, r-rikorrenti qed titlob lil Qorti tinibixxi lill-intimati milli jigu jirrisjedu maghha fil-fond in kwistjoni, liema talba hija wahda deducibbli quddiem Qorti kompetenti;

9. Jissokta jinghad illi huwa palezi illi fil-prezent ir-rikorrenti qeghda tirrisjedi fil-fond in kwistjoni. Issa filwaqt li tghid illi ilha taghmel dan minn zmien ilu bil-kunsens tan-nanna taghha, l-intimati jallegaw li bdiet tghix f'dan il-fond wara li wiehed minnhom, Jesmond Sghendo, ippermettiela tidhol tghix hemm sakemm tirranga l-kcina li ghandha f'residenza ohra u dan ghal massimu ta' bejn erba u sitt xhur. Harsa lejn l-atti processwali, izda, turi illi l-karta tal-identita' tar-rikorrenti tindika li harget fis-sena 2016 bl-indirizz ta' dan il-fond jidher bhala r-residenza taghha meta l-intimat jghid li ppermettielha tidhol fih fis-sena 2018. Ir-rikorrenti issa trid li l-intimati ma jidhlux fil-proprjeta' li tallega li ilha tghix fih u li dwaru bdiet proceduri mal-Awtorita' tad-Djar sabiex il-kera tinqeleb fuqha. Minghajr ma tidhol fil-mertu, l-Qorti tqis illi mad-daqqa t'ghajn, ir-rikorrenti ghandha jedd x'tipprotegi u ghalhekk l-ewwel element ghal hrug ta' dan il-mandat huwa sodisfatt;

**Il-Pregudizzju Irrimidjabbli:**

10. Dan huwa it-tieni element li jehtieg li jkun prezenti peress illi, kif gia osservat, iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux indipendenti minn xulxin. Il-kwistjoni tal-irrimedjabilita' hija wahda li tvarja minn kaz ghall-kaz u certament ma ghandhiex tiftiehem b'mod li ghaliex hemm rimdju fil-ligi miftuh ghar-rikorrenti li kieku l-mandat ma jintlaqax, allura t-talba ghal hrug tieghu ghandha tkun michuda *sic et simplicitur*. Fil-kaz odjern, l-intimat wera bic-car illi huwa l-hsieb tieghu li jidhol jghix f'dan il-fond fejn fih gia tghix ir-rikorrenti flimkien mat-tlett ulieda. Il-Qorti mhix ser tippermetti li sakemm ir-rikorrenti tressaq il-lanjanza taghha taghha quddiem il-Qorti idonea, tawtorizza lill-intimati li jfixxklu lir-rikorrenti mill-pussess tal-fond b'mod li tista' ssib ruhha kostretta tabbanduna l-istess bil-konsegwenzi ovvji. Ghalhekk tqis illi huwa wkoll sodisfatt l-element tal-pregudizzju irrevocabbli;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi b'mod definittiv dawn il-proceduri billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront taz-zewg intimati u konsegwentement qed tikkonferma d-digriet provizzorju taghha tal-4 ta' Mejju, 2023.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**ghad-Deputat Registratur**